# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Joseph Refalo LL.D.Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 53/2000GT(JR)

**Franco Tabone**

**vs**

**Joseph Xuereb, Francis sive Frank Masini**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz ippresentat mill-attur fis-27 ta' Settembru 2000 fejn talab lill-konvenuti jghidu l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jikkundannahhom li jhallsu lill-attur in solidum bejniethom pagament ta' mija erbgha u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm184.52), dovuti lill-attur bhala prezz ta' provista ta' ikel u ngredjenti ta' hwawar u sauces li intuzaw fit-tisjir tal-ikel orjentali u ciniz, u li gew uzati minnhom fir-restaurant "Mao Xi Chinese Restaurant", ta' Triaq il-Kapuccini, Victoria, u ta' spejjez ohra li ser jigu dettaljati fil-kors tal-kawza, liema restaurant l-operazzjoni tieghu kienet giet moghtija lilhom ghal diversi granet sabiex jiggestuh bi prova qabel ma jikruh, u ta' liema provvisti tal-ikel u ngredjenti msemmija li gew moghtija lilhom mill-mittenti, huma baqghu ma thallsux.**

**Bl-imghaxijiet b'effett mil-15 ta' April 2000 sal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ppresentata mill-konvenuti fid-9 ta' Novembru 2000 fejn eccepew:**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi:-**

1. **il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-hanut jinghata ghal hmistax bi prova u minghajr hlas;**

2. **mhux minnu li nxtraw jew gew uzati oggetti minn ghand l-attur;**

3. **kien l-attur illi wara ftit jiem bidel il-ftehim u per konsegwenza l-konvenuti telqu mill-hanut;**

4. **kienu l-konvenuti li sofrew danni per konsegwenza tal-agir tal-attur u familjari tieghu.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Franco Tabone, Joseph Xuereb u Victor Hili. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' provvista ta' ikel li kien ta l-attur lill-konvenuti fir-restaurant li kien krielhom bi prova.**

2. **Jirrizulta mill-provi li ma kienx hemm ftehim bil-miktub, pero' kien hemm ftehim bil-fomm. Ma hux kontestat li l-ftehim kien li l-konvenuti jiehdu r-restaurant bi prova ghall-hmistax-il jum, u dana minghajr hlas. Il-konvenuti qed jghidu li lanqas ma kellhom ihallsu tal-provvisti li seta halla l-attur, apparti li qed jghidu li huma kellhom jixtru provvisti taghhom, u li l-attur ma halla kwazi xejn. Fil-fatt jirrizulta li l-attur halla provvisti fir-restaurant.**

3. **Jirrizulta li l-konvenuti dahlu fil-fond fit-3 t'April, 2000, u damu hemm ftit jiem. L-attur qed ighid li damu hemm gimgha biss. Dana ma jidhirx li hu kontradett.**

4. **Il-kwistjoni qamet peress illi l-konvenuti li kellhom il-kera bi frank ippretendew li dan kien jinkludi l-istock ukoll.**

5. **Jirrizulta li l-attur kien halla diversi provvisti fir-restaurant, Dok.FT1, ghall liema ma thallasx. Issa apparti d-dokumentazzjoni voluminuza li l-konvenuti pprezentaw biex jippruvaw jirribattu dan, ma hux eskluz li l-istess konvenuti inkorrew spejjez huma stess, konsistenti fl-akkwist ta' aktar materjal sabiex jiggestixxu r-restaurant, pero' l-akkwist ta' tali ma jeskludix li huma kienu gja forniti limitatament bl-istock li halla l-attur. It-Tribunal isib il-konvinciment tieghu imsahhah fir-rigward, meta jaghmel referenza ghad-diskors li sar bejn Joseph Xuereb u l-attur, skond ma jirrizulta mit-tape esebit, fejn l-istess Xuereb jghid hekk:**

   > **"….issa se jiccekkjahom Frankie il-prezzijiet u ghalhekk ghadni ma hallastikx."**

6. **Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-attur fil-fatt halla stock ghall-uzu tal-konvenuti. Ma hemm ebda prova li tali stock kellu jittiehed minghajr hlas, anzi hemm prova fis-sens oppost, tant li Xuereb jaghmel referenza ghall-prezzijiet u ghall-hlas.**

7. **Jirrizulta li l-konvenuti baqghu ma hallsux lill-attur ta' l-istock u ghalhekk l-ammont huwa fil-fatt dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' mija erbgha u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm184.52), bl-imghaxijiet b'effett mit-2 ta' Mejju 2000 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2000, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**(ft) Joseph Refalo**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**